**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 26 ta` April 2016**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 25/2016 JZM**

**Angelo Xuereb (detentur tal-karta tal-identita` 494652M), Claire Zammit (detentrici tal-karta tal-dentita` numru 225777M) u Denise Xuereb (detentrici tal-karta tal-identita` numru 127186M)**

***u***

**Suncrest Hotels p.l.c.**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**Bil-provvediment tal-lum, il-Qorti sejra :-**

**fl-ewwel lok tipprovdi dwar rikors li pprezentaw il-kumpannija EZ Limited (C45555), Marianne Bezzina u Felix Mifsud fit-2 ta` Marzu 2016 sabiex jintervjenu fil-kawza tal-lum *in statu et terminis* ; u**

**fit-tieni lok sejra tipprovdi dwar talba li ressaq l-Avukat Generali fl-udjenza tal-14 ta` April 2016 ghall-kjamata fil-kawza tal-istess persuni li gabu `l quddiem ir-rikors tat-2 ta` Marzu 2016.**

**Rat l-atti tal-kawza.**

**Ikkunsidrat :**

**Ikun opportun jekk, qabel tghaddi ghall-provvediment taghha, il-Qorti tqis l-istituti tal-intervent fil-kawza *in statu et terminis* u tal-kjamata fil-kawza, kif imfissra fil-ligi u fil-gurisprudenza taghna.**

**Ikkunsidrat :**

L-istitut ta` l-intervent f`kawza *in statu et terminis* huwa regolat fil-ligi taghna bl-Art 960 tal-Kap 12 li jiddisponi hekk :-

*"Kull min juri b`sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista` fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f`kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta` l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta` Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".*

Mill-kontenut ta` din id-disposizzjoni ghandu jirrizulta evidenti li l-ligi taghna riedet taghti fakolta` lil persuna li jekk turi - ghas-sodisfazzjon tal-Qorti - li ghandha interess tindahal f`kawza li tkun ghaddejja bejn partijiet ohra, tinghata l-possibilita` li tkun ammessa - sahansitra fl-istadju tal-appell – illi tippartecipa anke attivament fil-procediment bejn il-partijiet l-ohra.

B`riferenza ghad-disposizzjoni appena citata, il-Qorti tissenjala zewg elementi partikolari : fl-ewwel lok, l-"*interess*" ; u fit-tieni lok, "*is-sodisfazzjon tal-Qorti*".

Dak li certament il-ligi tesigi huwa li l-parti li taghmel it-talba jkollha **interess** li tintervjeni.

Il-**Mortara** fil-"*Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile*" – 1923 – Vol III – pag 256) ighid hekk –

*" … puo` trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e` piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"*

**Enrico Tullio Liebman** fil-pag 151 tal-"*Manuale di Dir. Proc. Civile*" – 1957 ighid hekk :-

*"La ragione pratica dell` istituto e` data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all`esito del medesimo".*

Irid jinghad illi l-Qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni miftuha ghall-istitut tal-intervent *in statu et terminis.*

Fis-sentenza li ta l-Onor Imhallef Luigi Ganado meta kien qieghed jippresjedi din il-Qorti fil-kawza "**Stepton vs Spiteri**" li kienet deciza fit-23 ta` Novembru 1898, qal hekk –

*"E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e` terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell`esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte …*

*"L` istituto dell`intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".*

Fuq l-iskorta tal-premess, din il-Qorti tghid illi l-interess mehtieg sabiex persuna titlob skont l-Art 960 tal-Kap 12 illi tintervjeni f`kawza li tkun ghaddejja bejn haddiehor, irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza, mhux semplicement interess fl-ezitu ta` dik il-kawza, bil-hsieb li dak l-ezitu jista` talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f`kawzi ohra.

Ghalhekk tirnexxi talba minn persuna li tkun trid tintervjeni f`kawza jekk l-iskop wara l-intervent taghha jkun sabiex tipprotegi l-interessi taghha f`dik il-kawza partikolari mhux f`kawza jew f`kawzi ohra li talvolta jistghu jigu ntavolati.

**Ikkunsidrat :**

Ghar-rigward tal-istitut tal-kjamata fil-kawza, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1997 fil-kawza **"Cremona Barbaro vs Cilia Vincenti et"** deciza minn din il-Qorti (**PA/GV**) inghad hekk –

*L-istitut tal-kjamat fil-kawza huwa kkontemplat fl-artikoli 961 u 962 tal-Kap.12. Hu jaqdi diversi funzjonijiet procedurali principalment (a) dik li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra ; u (b) dik li jissalvagwardja d-drittijiet ta` min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha. Dan il-principju regolatur gie interpretat b`mod aktar wiesgha fuq konsiderazzjonijiet ta` ekonomija ta` gudizzju u utilitajiet procedurali ohra – ara fost ohrajn – App. Civ. Inf.* ***Stepton vs Spiteri****, 23/11/1988, Vol.XVI.117 ;* ***Cassar Desain utrinque*** *25/6/45, Vol.XXXII.272 ;* ***Barbara vs Mallia****, 22/10/56, Vol.XL.264.*

Meta kjamat fil-kawza jigi ammess f`kawza ghall-integrazzjoni tal-gudizzju, huwa jilbes il-libsa ta` konvenut. Cara hafna kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta` Mejju 1995 fil-kawza "**Wismayer et vs Wismayer et noe**", fejn inghad illi *kull kjamat fil-kawza jrid bilfors ikun konvenut.*

Din il-Qorti tkompli tinsisti li ghax kjamat fil-kawza huwa konvenut jista` *jipprezenta skritturi u eccezzjonijiet u jkollu l-beneficcji kollha ta` konvenut u jista` jigi kundannat jew liberat mit-talba daqs kieku l-kawza kienet proposta kontra tieghu* ("**Chapelle Paleologo vs Alamango**" – Appell Civili – 17 ta` Mejju 1963 – Vol.XLVII.I.271).

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fit-12 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "**Mamo et vs Wismayer**", inghad hekk :-

*Illi s-sejha fil-kawza ta` terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn hija regolata fil-ligi tal-procedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Dak l-artikolu jghid li tali sejha tista` ssir kemm fuq talba ta` xi wahda mill-partijiet u kif ukoll minghajr dik it-talba ;*

*Illi, madankollu, il-kliem semplici ta` dak l-artikolu, ma jurix il-qafas li dan l-istitut tnissel fih u li, matul il-medda tas-snin, ta lok ghal ghadd ta` principji principji li l-qrati taghna taw bosta decizjonijiet dwarhom ;*

*Illi l-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b`differenza minn dak li jkun indahhal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bhallikieku kien imharrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f`dik il-kawza jista` jinJeles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inhargett mill-bidunett kontrih ;*

*Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandu l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawzi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqeghdu f`gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom. Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta` l-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncettt fondamentali ta` interess tal-parti li toqghod fil-gudizzju ;*

*Illi, kif inghad, il-Qrati taghna stabbilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawzajmissha tigi meqjusa, u, b`mod partikolari, f`liema cirkostanzi ghandha tintlaqa` talba ghal tali sejha u, b`mod izjed siewi, meta m`ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa` talba bhal din ;*

*Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f`persuna biex minnu tista` tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni ;*

*Illi, madankollu, is-sejha fil-kawza m`ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin …*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista` ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza. Ghal xi zmien kien jinghad li ma ghandhiex tigi milqugha talba ghas-sejha fil-kawza min-naha tal-attur meta dan seta` jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta` persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu harrek sa*

*mill-bidu. Izda llum jidher li t-tifsira vera ta` dan il-punt thares izjed lejn il-kwestjoni tal-interess guridiku tal-imsejjah milli lejn l-gharfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta` kellu interess : u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejha fil-kawza ma tintuzax biex jiddahhal fil-kawza mharrek iehor flimkien masl-imharrek originali8 li ma messu tharrek qatt …"*

**Ikkunsidrat :**

Illi din il-Qorti qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti EZ Limited et sabiex iressqu t-talba ghall-intervent *in statu et terminis* fil-kawza tal-lum.

Illi l-Qorti tistqarr mill-ewwel li mkien fil-ligi taghna ma ssir distinzjoni ghall-fini ta` intervent *in statu et terminis* bejn procediment ordinarju fuq naha wahda, u procediment kostituzzjonali jew konvenzjonali fuq naha ohra.

Illi l-Qorti tghid illi dment li l-procediment ikun *kawza*, il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn tipi ta` kawzi ghall-fini ta` intervent *in statu et terminis.*

Illi l-Qorti tqis illi EZ Limited et ghandhom l-interess rikjest mil-ligi sabiex jitolbu li jintervjenu *in statu et terminis.*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi filwaqt illi, tenut kont tan-natura tal-procediment tal-lum, ikun indikat illi EZ Limited et jithallew jintervjenu *in statu et terminis* fil-kawza tal-lum ghaliex ghandhom l-*interess* rikjest.

Illi fl-istess waqt hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi EZ Limited et m`ghandhomx ir-rekwiziti li jkunu kjamati fil-kawza ghaliex tqis illi, ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju, il-presenza fil-kawza ta` EZ Limited et mhijiex fondamentali, billi fi procediment kostituzzjonali u/jew konvenzjonali iwiegeb l-Istat *di prima persona* mhux haddiehor.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qeghda tichad it-talba tal-Avukat Generali kif dedotta fl-udjenza tal-14 ta` April 2016 ghall-kjamata fil-kawza ta` EZ Limited, Marianne Bezzina u Felix Mifsud, qeghda**

**tilqa` t-talba ta` l-istess persuni ghall-intervent taghhom *in statu et terminis* fil-kawza tal-lum kif dedotta fir-rikors taghhom tat-2 ta` Marzu 2016.**

**L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**